**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 69** **Nhar it-Tlieta 21 ta’ Mejju 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa’ fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
John Buhagiar- Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jessica Borg- Kunsilliera
Hugh Caruana - Kunsillier
Alex Calleja Zammit - Kunsillier
Mario Azzopardi - Kunsillier

**ASSENTI**

Jeremy Cardona - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Conrad Borg Manche, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillera: Neville Chetcuti, u John Buhagiar. Fil-bidu tal-laqgħa ngħaqad b’telefonata Hugh Caruana.

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

69.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sur Conrad Manche beda l-laqgħa b'talba.

69.1.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet ittra erba' ittri ta' apoloġiji, mingħand il-Kunsilliera Jessica Borg, Mario Azzopardi, Hugh Caruana u Alex Calleja Zammit. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

69.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 68 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

69.2.2 Il-Kunsillier Neville Chetcuti jistaqi fuq il-punt tal-BCRS - il-Kunsill jaqbel li ssir fit- triq Luqa Briffa iżda l-Lands/Transport Malta ma jridux li ssir hemm minħabba li jiżdied it-traffiku. Il-Kunsillier John Buhagiar issuġġerixxa li ssir Central Strip u b'hekk il-karozzi jkunu jistgħu jduru magħha bl-iskop li ma jkunx hemm jew inaqqas it-traffiku. Il-Kunsillier Ralph Mangion ikkummenta li lilu avviċinatu l-Kap tal-iskola ta' hemmhekk u semmietlu l-punt li qed ikun hemm il-ħmieġ. Il-Kunsill kollu qabel li l-magna tal-BCRS mhux postha hemmhekk.

69.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Ian Buhagiar issekondat mill-Kunsillier Neville Chetcuti, il-minuti tal-laqgħa numru 68 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**69.3 Korrespondenza mis-Sindku**

69.3.1 Is-Sindku Conrad Manche semma li ser isir dramm fuq il-Madonna tal-Karmnu fl-4 u l-5 ta' Lulju fit-triq tal-Knisja. Preżenti ser ikun hemm numru ta' nies distinti. L-organizzaturi talbu l-kooperazzjoni tal-Kunsill f'din l-attivita. Il-Kunsilliera kollha preżenti, flimkien mas-Sindku kellhom ftehim unanimu li jgħinu f'din l-attivita.

69.3.2 Fil-15 ta' Ġunju fis-7:30pm hemm attivita u l-Għaqda Mużikali Mount Carmel talbu lill-Kunsill biex jikkolaboraw magħhom.

69.3.4 Ghaqda Muzikali Mount Carmel talbu wkoll il-permess biex jintrama ċ-ċikċifogu x-Xatt tal-Gżira u tqajjem il-punt li t-tappieri/il-ħofor tal-arbli taċ-ċikċifogu għandhom jitattew. Issemmiet ukoll il-punt li hemm spiża li ser tkopri l-kiri tal-imwejjed u s-siġġijiet għas-6 ta' Lulju.

69.3.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia qasmet mall-Kunsilliera ritratti ta' bankina kbira. Ġie maqbul li din ser tiġi mibgħuta lil Transport Malta.

69.3.6 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tispjega li rċevew biex isiru tabelli ġodda bil-ħinijiet ta' xħin jistgħu u ma jistgħux jgħaddu l-karozzi meta tibda Skola Sajf. Minħabba raġunijiet ta' sigurta ġie maqbul li dawn isiru.

69.3.7 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tat rendikont li marru 276 resident n-Notebook Centre biex jieħdu s-servizz b'xejn mingħandhom. Is-Sindku Conrad Manche ikkalkula li din qisha swiet lill-Kunsill 19-il ewro kull resident. Jikkummentaw li kien hemm żball fil-kuntratt fejn il-Kunsill m'għandux rendikont tal-ismijiet tar-residenti illi marru jużaw dan is-servizz. Il-Kunsilliera kkummentaw li fil-kuntratt li jmiss, din għandha tiġi rranġata għaliex huwa tajjeb li l-Kunsill ikollu rendikont tal-ismijiet.

69.3.8 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tgħid li rċevew mingħand tar-reġjuni biex huma jorganizzaw xi workshops fejn il-Bus Stop Lounge. Din ser issir mis-Sibt 15 ta' Ġunju sal-Erbgħa 19 ta' Ġunju.

69.3.9 Is- Sur. Fabian Borg qed jirrappreżenta lill-Kunsill barra minn Malta billi qed jagħti preżentazzjoni fuq l-app li għamlu fuq il-Climate Change.

**69.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

69.4.1 Il-Kunsillier Neville Chetcuti jistaqsi jekk hemmx xi flus allokati għall-manutenzjoni tal-housing. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia tgħidlu li l-iskema li taf hi , hi dik biex jitranga il komun. Is-Sindku Conrad Manche jispjegalu li sa fejn jaf hu kull m'hemm xi fondi rigward il-komun.

**69.5 Rapporti**

**69.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

69.4.1 Il-Kunsillier Ralph Mangion ippropona l-iskeda tal-pagamentii. Il-Kunsillier Neville Chetcuti issekondah.

**69.8 Mozzjoni**

**69.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

69.5.1 Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas-6:10p.m.  Is-seduta li jmiss se tkun aggornata ghal nhar it-Tnejn l-24 ta' Ġunju.

Konfermati llum 21 ta' Mejju 2024

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Conrad Borg Manche Mandy Farrugia

Sindku Dep. Segretarju Eżekuttiv